# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 86/2018 MH**

**Illum, 27 ta' Marzu, 2020**

**Michael Portelli**

**vs.**

**Direttur Generali tal-Qorti, Direttur Qrati Kriminali u Tribunali, Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors datat 7 ta' Settembru, 2018 minn Michael Portelli fejn gie premess illi:

1. *"Illi l-lanjanza tikkoncerna nuqas ta' smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tad-Dritttijiet Fundamantali tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

2. *Illi l-fatti fil-qosor huma dawn li gejjien:*

   *(i) Illi Michael Portelli tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-akkuza li fis-6 ta' Frar 2017 kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina f'cirkostanzi li juru li din ma kinitx ghall-uzu personali tieghu, li forna jew offra li jforni l-istess droga eroina, li kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina, li kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina , li kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis, u li kien recediv.*

   *(ii) Illi wara li gew spjegati c-cirkostanzi tal-imputat, l-ufficjal prosekutur l-ispettur Gabriel Micallef accetta li dan kien kaz eccezzjonali fejn l-imputat kien mahkum mill-vizzju tad-droga, kien qed jaghmel atti ta' traffikar biss kemm isostni l-vizzju tieghu, u li aktar recenti huwa diga kien qed jirkupra u jikkumbatti b'mod pozittiv l-istess vizzju, tant li kien jaqbel li l-esponent jinghata piena karcerarja minima ta' 15 –il xahar. L-imputat ammetta l-akkuzi kollha b'mod immedjat u l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.*

   *(iii) Illi fil-21 ta' Lulju 2017 il-Qorti ddecidiet il-kaz billi naturalment sabitu hati tal-akkuzi li huwa ammetta ghalihom, ikkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta'*
   *23 xahar habs u ghal multa ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200) li setghu jithallsu ratealment.*

3. *Illi in kwantu l-ufficjal prosekutur kien diversi drabi esprima l-fehma tieghu li fic-cirkostanzi kollha ikun gust li l-piena karcerarja tkun ta' 15 –*

*il xahar biss, l-esponent hassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell mill-piena inflitta.*

4. *Illi l-esponent ircieva n-notifika biex jidher ghall-appell nhar is-7 ta' Dicembru 2017 quddiem l-Imhallef Onor Dr Giovanni Grixti. Dakinhar huwa attenda u kien assistit mill-avukat Dr Arthur Azzopardi, mentri il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-avukat Dr Anthony Vella. Dakinhar, wara li regghu gew spjegati c-cirkostanzi tal-kaz, il-prosekuzzjoni esprimiet li ma kellha ebda oggezzjoni li l-piena karcerarja tigi ridotta ghal hmistax –il xahar kif kien originarjament qabel ukoll l-ispettur Gabriel Micallef..*

5. *Illi kif inghad il-partijiet iddiskutew dan b'mod informali fil-prezenza tal-Qorti tal-Appell, u ghalkemm dan ma giex ivverbalizzat, il-Qorti uriet ruhha propensa li tikkonsidra b'mod pozittiv il-proposta ta' riduzzjoni tal-piena biex taghmel gustizzja ahjar mal-persuna li qed tikkumbatti biex is-sitwazzjoni taghha ma tiggravax. Il-Qorti tat id-data tad-differiment, li l-esponent ma semax, u fil-fatt thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Mejju 2018. L-avukat tal-esponent htieglu jibqa' fl-Awla ghal kazijiet ohra u ghalhekk l-esponent hareg mill-Awla minghajr ma kien jaf ghal meta thalla l-kaz tieghu.*

6. *Illi fil-granet u gimghat sussegwenti huwa talab lill-avukat tieghu itih id-data tas-sentenza tal-appell, izda f'kull okkazjoni l-avukat qallu li kienet f'data 'l boghod hafna u li huwa kien ser jiccekkja d-data preciza biex jinfurmah. L-esponent anke assuma li huwa kien ser jerga' jircievi karta ghan-notifika tal-istess differiment tal-appell, izda mhux biss huwa ma rnexxilux igib id-data in kwistjoni minn ghand l-avukat, talli anqas qatt ma rcieva notifika tal-istess.*

7. *Illi bil-mod il-mod l-esponent harablu z-zmien u dakinhar tat-28 ta' Mejju 2018 huwa ma attendiex, bil-konsegwenza li l-appell tieghu mar dezert. Kien biss wara numru ta' granet li l-esponent ingabar biex jigi inkarcerat, u dan meta allura kien tard wisq biex huwa jaghti spjegazzjoni ghall-assenza tieghu ghal biex jirriattiva l-appell.*

8. *Illi l-esponent jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkordalu r-rimedji Kostituzzjonali spettanti lilu skond il-ligi, fosthom senjatament l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artiklu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk:*

i. *Tiddikjara illi l-esponenti ma giex moghti smiegħ xieraq;*

ii. *Tiddikjara lill-intimati fuq indikati jew min minnhom responsabbli ghal dan in nuqqas soffert mir-rikorrenti;*

iii. *Taghti dawk l-Ordnijiet, direttivi u rimedji effettiv u xierqa lill-esponent, u jekk ikun il-kaz tordna lill-intimati ihallsu lir-rikorrenti kumpens xieraq.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati."*

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali tal-Qorti u Direttur Qrati Kriminali u Tribunali datata 11 ta' Settembru 2018[1] fejn gie eccepiet illi:

1. *"Illi l-intimati Direttur Generali tal-Qorti, u kif ukoll d-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali mhumiex il-legittimi kontraditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati minn l-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u dan stante illi huma t-tnejn ma ghandhom l-ebda ness legali u guridiku, jew kwalunkwe kontroll ta' kwalunkwe decizjoni li tispetta lil-Gudikanti;*

2. *Illi konsegwentement, huma ma jistghu qatt jinstabu legalment responsabbli ghal kwalunkwe lanjanza li minnha qed jilmenta r-rikorrenti;*

3. *Illi fil-mertu, u strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

4. *Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ma jistax jilmenta minn nuqqas ta' smigh xieraq, meta huwa kien gie notifikat ghal l-ewwel dehra tal-Appell tieghu u cioe ghas-sebgha (7) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u sbatax (2017), kif del resto titlob il-procedura, u fil-fatt huwa kien prezenti fizikament u certament li nghata d-data ghal kontinwazzjoni tas-smigh tal-Appell tieghu, fejn fil-fatt gie anke verbalizzat illi d-data tas-smigh li jmiss kellha tkun dik tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena kurrenti elfejn u tmintax (2018);*

[1] Fol

5. *Illi ghalhekk kienet UNIKAMENT fir-resposnabilita tieghu, li jaghmel il-verifici necessarji, sabiex jara meta jmissu jidher quddiem l-Qorti, anke peress illi kellu oltre minn zmien bizejjed biex jaghmel dan;*

6. *Illi l-fatt illi skond hu anqas minghand l-avukat tieghu ma inghata risposta bid-data, mhux skuza valida li ghandha b'xi mod tmur a favur tieghu, u dan peress illi, apparti li din mhux repsosnabbilita tal-avukat ta' fiducja tieghu, izda hija tieghu biss, huwa kellu rimedji bhal ezempju, fost ohrajn li huwa jcempel ir-Registru tal-Qorti Kriminali, sabiex jistaqsi dwar id-data;*

7. *IIIi konsegwentement, r-rikorrenti ma ghandu l-ebda dritt jinvoka ksur tal-jedd ta' smigh xieraq meta kien huwa stess illi kien hati ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti tal-Appell Kriminali inkwantu bla gustifikazzjoni falla milli jattendi ghal-kontinwazzjoni tas-smigh tal-Appell tieghu, fejn kellha tinghata s-sentenza. Dan ghaliex min ma jsegwix il-procedura dettata mil-ligi ma jistax imbghad jilmenta minn nuqqas fil-konfront tieghu. Bhalma ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Joseph Grech vs l-Avukat Generali, deciza fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000), partijiet li jonqsu milli jattendu ghas-seduti "ma jkunux jistghu jilmentaw li ma jkunux inghataw smigh xieraq skont il-Konvenzjoni u skont il-Kostituzzjoni izda jistghu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raguni, l-opportunita taghhom skont ir-regoli procedurali li jiggvernaw il-process."*

8. *Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel ukoll riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:*

*'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.*

9. *Illi l-esponenti jaghmel riferenza wkoll ghal dak li ntqal fil-kawza* **Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Registratur u tad-Direttur tal-Qrati specifikatament intqal li r-Registratur tal-Qrati m'ghandux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti.*

10. *Illi anke r-rikorrenti stess, bhal donnu qed jammetti li t-tort tan-nuqqas ta' dehra huwa tieghu stess fil-fatt fir-rikors promotur tieghu, fil-paragrafu enumerat bin-numru seba (7), huwa juza l-kelma 'harablu z-zmien';*

11. *Illi inoltre, la darba r-rikorrenti ghogbu jintavola din il-procedura biss issa, meta ga skonta parti mill-piena kif moghtija lilu, huwa daqs li kieku*

*huwa, anke b'mod tacitu, accetta l-ezekuzzjoni taghha kif inhi, minghajr rizervi;*

***<u>Illi ghalhekk isegwi illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda kollha, bl-ispejjez kontra tieghu;</u>***

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;"*

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 11 ta' Settembru 2018[2] fejn gie eccepiet illi:

1. *"Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti qieghed jallega li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta` Mejju 2018 li tiddikjara l-appell tieghu dezert ai termini tal-artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta hija wahda leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq.*

2. *Illi l-esponenti jissottometti illi l-istess pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghal-diversi ragunijiet.*

3. *Illi fir-rikors promotur ir-rikorrent jaghti diversi ragunijiet/skuzi ghalfejn fit-28 ta` Mejju 2018 ma deherx ghall-appell fosthom li fis-seduta tas- 7 ta` Dicembru 2017 ma semghax id-data tad-differiment u jghid li l-avukat tieghu kellu xi kawzi ohra u ghalhekk ma setghax dak il-hin jikkomunika mieghu. Ir-rikorrent jghid ukoll li meta xi zmien wara hu ipprova jikseb informazzjoni minghand l-avukat tieghu ghal*

[2] Fol

*meta marret il-kawza, l-avukat Dr. Arthur Azzopardi ma qallux ghax id-data tad-differiment kienet ghadha il-boghod…*

4. *L-intimat jghid bid-dovut rispett li anke kieku dawn l-iskuzi huma vera, bl-ebda mod ma jiggustifikaw l-assenza tar-rikorrenti milli jidher ghas-seduta u zgur li ma kienx hemm xi nuqqas tal-Qorti tal-Appell Kriminali li applikat il-ligi kif kellha taghmel. Jekk kien hemm xi nuqqas f`dan kollu dan in-nuqqas ghandu jigi attribwit lir-rikorrenti jew lil avukat tieghu.*

5. *Illi wara kollox ir-rikorrent m'għandu l-ebda dritt jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq meta kien huwa stess illi kien ħati ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti inkwantu minghajr raguni valida falla milli jattendi ghall-appell tieghu. Dan għaliex min ma jsegwix il-proċedura dettata mil-liġi ma jistax jilmenta minn xi nuqqas li seħħ fil-konfront tiegħu. Bħalma ntqal mill-*Qorti Kostituzzjonali *fil-kawża* **Joseph Grech vs. L-Avukat Ġenerali** *deċiża fl-20 ta' Dicembru 2000, partijiet li jonqsu milli jattendu għas-*seduti *"ma jkunux jistgħu jilmentaw li ma jkunux ingħataw smiegh xieraq skont il-Konvenzjoni u skont il-Kostituzzjoni iżda setgħu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raġuni, l-opportunità taghhom skont ir-regoli proċedurali li jiggvernaw il-proċess";*

6. *Billi l-appell kriminali tressaq mir-rikorrent, huwa kien fl-obbligu u fid-dmir li jsegwi l-proċeduri kriminali istitwiti minnu stess quddiem l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis- 7 ta` Dicmbru 2017 meta ir-rikorrent kien prezenti ghall-appell hu setgha facilment apparti l-avukat tieghu, isaqsi ukoll lil marixxal tal-Qorti jew lid-Deputat Registratur dwar id-*

*data tas-sentenza u l-intimat m`ghandu l-ebda dubju li dawn kienu jassistuh ukoll. Tajjeb li wiehed jishaq li mid-data ta' meta r-rikorrent deher il-Qorti sabiex jigi trattat l-appell , u cioe` fis-* ***7 ta` Dicembru 2017*** *sad-data li ġie differit l-appell ghas-sentenza,* ***28 ta` Mejju 2018*** *għaddew diversi xhur u ghalhekk dan ifisser li irrispettivament minn dak li jghid ir-rikorrent hu kellu żmien twil biżżejjed biex personalment jew permezz tal-avukat tiegħu jikkonsulta mar-reġistru kriminali biex isir jaf għal meta ġie differit l-appell. Jekk kif jidher li ġara, ir-rikorrent naqas milli jsegwi l-appell tiegħu allura huwa għandu jġarrab il-konsegwenzi tal-imġieba non-kuranti tiegħu;*

7. *Illi ir-rikorrent lanqas ma uzufruwixxa mir-rimedju li jipprovdi l-artikolu 422(1) tal-Kap 9 li jipprovdi li l-appellant jista b`rikors ippreżentat fi żmien erbat ijiem mill-ġurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa mill-istess appellant quddiem ir-reġistratur li, minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-ġurnata fuq imsemmija, il-qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell u b`hekk l-appell tiegħu jerġa' jitqiegħed fuq il-lista ġaladarba huwa ma ressaqx din it-talba tiegħu fiż-żmien erbat ijiem li jsemmi l-* ***artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta****. Dwar dan l-artikolu l-Qorti Kostituzzjonali ġa kellha l-okkażjoni tippronunzja ruħha li dan mhuwiex leżiv għad-dritt ta' smigħ xieraq kif imħares taħt il-* ***Kostituzzjoni ta' Malta*** *u l-***Konvenzjoni Ewropea** *(ara* **Patrick Mangion vs. Avukat Ġenerali et** *tas-27 ta' Jannar 2006 u* **Anthony Bezzina vs. Avukat Ġenerali** *tal-31 ta' Jannar 2014);*

8. *Illi fir-rikors promotur jissemma ukoll l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghalkemm ir-rikorrent ma jelabora xejn dwar kif dan l-artikolu allegatament ghandu japplika ghal-kaz odjern. Fil-prezent ir-rikorrent qieghed jiskonta sentenza ta` prigunerija galadarba il-kawza kriminali hija wahda finali (res judicata) u dan ghaliex il-Qorti tal-Magistrati kienet ikkundannatu ghal- 23 xahar prigunerija. L-appell tieghu mar gjustament dezert minhabba r-ragunijiet li inghataw qabel u ghalhekk ir-rikorrent bl-ebda mod ma hu gustifikat li jilmenta minn restrizzjoni tal-liberta` galadarba din ir-restrizzjoni hija il-konsegwenza tal-fatt li hu instab hati li ikkommetta reat kriminali.*

*Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*

*Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet l-*esponent umilment jitlob lil din l-*Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-*talbiet kollha tar-rikorrent bl-*ispejjeż kontra tiegħu."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Avukat ta' l-Istat ġia l-Avukat Generali.

Rat it-trattazzjonijiet traskritti tal-partijiet l-oħra li għazlu li ma jagħmlux l-istess nota.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi qabel ma l-Qorti tibda biex tezamina t-talbiet u d-difiza għalihom, għandu wkoll jiġi preċizat li minn issa ‘l quddiem l-intimat Avukat Generali se jiġi msejjaħ Avukat ta’ l-Istat in vista ta’ l-emendi fir-rigward.[3]

Illi ġie esebit il-proċess ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet Spettur Gabriel Micallef vs Micheal Portelli[4]. Rat mill-istess atti lir-rikorrenti Micheal Portelli bħala l-appellant ġie notifikat bis-smiegħ ta’ l-appell tiegħu għas-seduta tas-7 ta’ Diċembru, 2017.[5] Tant li fl-ewwel seduta deher debitament assistit mill-avukat difensur tiegħu, saret it-trattazzjoni mill-partijiet fuq l-appell minnu intavolat u l-istess appell ġie differit għas-sentenza għat-28 ta’ Mejju, 2018. Jiġi notat ukoll ili fil-mori tas-smiegħ ta’ l-istess appell Micheal Portelli ingħata ukoll il-liberta’ provisorja mill-Qorti ta’ l-Appell b’digriet ta’ dik il-Qorti datat 9 ta’ Ottubru, 2017.[6]

Mill-*iter* tal-proċess ta’ l-appell jirrizulta, u dan huwa l-pern tal-lanjanza in ezami, illi fid-data mogħtija għad-differiemt ta’ l-appell, allura dik tat 28 ta’ Mejju, 2018, l-appellant ġie msejjaħ diversi drabi. Baqa’ ma deherx. L-appell ġie anke pospost. Rega’ ssejjaħ l-appell u l-istess Micheal Portelli baqa ma deherx. Kien għalhekk illi l-**Qorti ddikjarat l-appell dezert ai termini ta’ l-artikolu 422 tal-Kap 9.**

Din id-deżerzzjoni ġabet magħha l-konsegwenza lis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li minnha kien ġie intavolat l-appell ġiet rezha assoluta u finali, *res judikata*, u konsegwentement il-piena karċerarja hemm imposta ġiet in effett

[3] Kap 603
[4] 354/2017 GMG
[5] Vide notifika ta’ l-avviz tas-smiegħ folo 133 tergo.
[6] Folio 127

bil-konsegwenza li għalhekk Micheal Portelli kellu jinġabar biex jibda jiskonta l-istess piena.

Għalhekk dan l-aġir biex wieħed isejjaħlu hekk ġab l-ilment ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq u detenzjoni llegali, dan dejjem skont it-teżi tar-rikorrenti. Jilmenta illi hu ħareg il-barra mill-Awla meta ngħatalu d-differimemnt mentri l-Avukat tiegħu baqa' ġo l-Awla pero hu ma ħax id-differiment. Igħid ukoll illi ġranet, gimgħa wara huwa tkellem dwar is-sentenza ta' l-Appell ma l-avukat tiegħu li da parti tiegħu qallu lid-differiment kien ‘l bogħod ħafna. Igħid ukoll li hu kien assuma illi kien se jerġa jirċievi karta oħra bid-data, ċioe' notifika ta' l-appell. Żid li hu qatt ma rrnexxielu jġib d-data mingħand l-avukat iżda lanqas qatt ma rċeva notifika ta' l-istess differiment. Tant li igħid fir-rikors promotur li ħarablu ż-żmien u konsegwentement l-appell tiegħu mar dezert.

Fir-rikors promotur jilmenta ukoll illi nonostante li l-uffiċċjal prosekutur kien qabel li l-istess jingħata piena ta' ħmistax il-xahar mill-Qorti tal-Magistrati għal akkuzi li kien qed jammettti għalihom fi stadju bikri, tant li hu anke kien ammetta mal-ewwel seduta biex b'hekk il-Qorti għaddiet għas-sentenza, pero dik l-ewwel Qorti kienet injorat dan nonostante dak li għal diversi drabi ġie espress mill-uffiċjal prosekutur dwar il-piena kif ingħad.

Żid ukoll li quddiem il-Qorti ta' l-Appell il mitigazzjoni tal-piena kien ġiet ventillata u diskussa b'mod informali bejn il-partijiet. Igħid li anke hawn il-prosekuzzjoni kienet espremiet in-nuqqas ta' oggezzjoni tagħha għar-riduzzjoni tal-piena. Igħid ukoll fir-rikors promotur illi l-Qorti ta' l-Appell kienet uriet ruħha propensa għal tali riduzzjoni.

Ikkunsidrat

Illi kif jirrizulta ir-rikorrenti jressaq l-lanjanza tiegħu billi jallega fil-konfront tiegħu l-ksur ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ukoll l-artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Da parti tiegħu r-rikorrenti **Micheal Portelli** jixhed li meta deher l-ewwel darba fil-Qorti ta' l-Appell, l-avukat tiegħu kien qallu li kellu jagħtih id-data tad-differiment hu. Jammetti li kien presenti fl-Awla ukoll li kien mgħarref mill-avukat tiegħu li ma kienx se jirċievi riferta dwar id-differiment li kien imiss. Igħid ukoll li baqa' jmur jiffirma kull gimgħa skont dak li kien impost fil-kundizzjoni tal-liberta provisorja, ukoll illi baqa' jistenna l-Appell jibgħatulu xi karta. Xehed li meta ċempel lil-avukat, qallu li l-appell kien ilu tlett gimgħat li għadda. Mistoqsi mill-Qorti meta ngħata d-differiment x'sema, darba li hu kkonferma li kien f'Awla, irrisponda li ma sema' xejn.

Senjatament mistoqsi mill-Avukat difensur tiegħu kemm kien għadda żmien minn sakemm sar jaf mill-Avukat tiegħu li kienet fil-fatt għaddiet id-data tad-differiment ta' l-appell wieġeb hekk;

*" l-ewwel kont ċempiltlu qisu wara tlett gimgħat, u imbagħad qalli l-Appell għadda."* [7]

Mistoqsi kemm għadda żmien meta saqsa lil avukat tiegħu d-data li kien immissu għal appell, wieġeb xi tlett gimgħat xahar. Igħid li meta rega' ċempel lil avukat, dana wiegbu li l-appell kien għadda. Igħid li baqa' imbellaħ li ma ġabruhx.

[7] Folio 33

Qal ukoll li meta ngħata u iffirma il-kundizzjonijiet tal-*bail,* kienu qalulu li kien importanti li jerga jidher il-Qorti, pero baqa' nsistenti li hu d-data ma femhiex. Baqa jinsisti li l-avukat li kien baqa miegħu meta ffirma l-kundizzjonijiet tal-liberta' provisorja qallu lid-data tad-differiment ta' l-appell kellu jagħtihielu l-avukat prinċipali tiegħu Dr. Aurthur Azzopardi.

Mistoqsi mill-Qorti kemm għada żmien mill-ewwel dehra sakemm huwa ċempel lil avukat għad-diffeiment, wieġeb li kienu għaddew xahrejn żgur.

Da parti tiegħu **Christopher Camilleri**, Deputat Registratur għal Qrati Kriminali xehed li hu kien inkariġat bħala deputat registratur għal Imħallef Grixti. Ikkonferma li darba li l-imputat jidher u jiġi trattat l-Appell tiegħu jiġi mogħti data tad-differiment fl-Awla, **l-imputat jiġi notifikat fl-Awla.** Ikkonferma ukoll lid-data tad-differiment tingħata mill-Imħallef fl-Awla.

Ikkonsidrat ulterjorment.

Illi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' Direttur Generali tal-Qrati u Direttur Qrati Kriminali u Tribunali huma fis-sens illi huwa m'għandux jwieġeb għal din ix-xilja inkwantu mhux legittimu kontradittur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Dawn iż-żewġ l-eċċezzjonijiet jaqraw;

1. *Illi l-intimati Direttur Generali tal-Qorti, u kif ukoll d-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali mhumiex il-legittimi kontradditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati minn l-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u dan stante illi huma t-tnejn ma ghandhom l-ebda ness legali u guridiku, jew kwalunkwe kontroll ta' kwalunkwe decizjoni li tispetta lil-Gudikanti;*

2. *Illi konsegwentement, huma ma jistghu qatt jinstabu legalment responsabbli ghal kwalunkwe lanjanza li minnha qed jilmenta r-rikorrenti;*

**Din hi eċċezzjoni li ġiet deċiża a favur l-istess eċċipjent diversi drabi kif inhu rifless f'varji deċizjonijiet nostrali.**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Publio Zammit vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali, Id-Direttur Generali tal-Qorti u d-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali**[8] intqal li-:

*"L-intimat Direttur Generali (Qrati) u d-Direttur Qrati KriminaIi u Tribunali eccepew li huma m'humiex il-legittimi kontraditturi u ghalhekk ghandhom jigu Iiberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent. Jishqu li r-rikorrent bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, ghal xi nuqqas minn naha tal-amministrazzjoni tal-Qrati rapprezentata minnhom. Ir-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tieghu ghall-gudikant/i li ppresjedew l-proceduri. Kwantu ghal kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li kienu gew imposti fuqu, jirrilevaw li anke minn dan il-lat huma ma ghandhomx kontroll fuq id-decizjonijiet tal-Qrati.*

*IlIi l-intimati ghamlu riferenza ghal dak Ii ntqal fil-kawza* ***Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et*** *(Kost 25/04/1990), fejn dwar il-posizzjoni tar-Registratur u tad-Direttur tal-Qrati specifikatament intqal Ii r-Registratur tal-Qrati ma ghandux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima*

---

8 **28 ta' Mejju 2019 Rikors Nru. 87/2018 MCH**

*biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti.*

*L-intimati ghamlu riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet* ***George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et*** *(Kost 08/11/2004) fejn intqal:*

*Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorreni huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura*** *(Kost 07/10/2005) gie ritenut:*

*"Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi - u hu ma hux f'posizzioni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-intimati hija ben fondata. La mir-rikors promotur u lanqas mill-assjem tal-provi ma jirrizulta li r-rikorrent qieghed iressaq xi ilment direttament kontra l-intimat Direttur Generali (Qrati). Ghar-ragunijiet li huma esposti bl-aktar mod car u inekwivoku fis-sentenzi riferiti, il-Qorti taghmel taghha dik il-gurisprudenza fejn tolqot din l-eccezzjoni.*

*Ghalhekk din l-eccezzjoni sollevata mid-Direttur Generali (Qrati) u d-Direttur Qrati Civili u Tribunali qed tigi milqugha u qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra ir-rikorrenti."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Edmond Mugliette Vs Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili**[9] intqal-:

*"Illi din l-ewwel eccezzoni preliminari tghid li r-Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili mhux legittimu kontradittur in kwantu hu huwa ufficjal subordinat ta' l-imsemmija Qorti u l-kariga tieghu hija separata u distinta minnha u illi ghalhekk it-talbiet bhal dawk kontenuti fir-rikors promotur kif diretti kontra l-intimat huma infondati guridikament u pratikament itendu biex jilledu l-indipendenza tal-gudikant garantita kostituzzjonalment u fil-Konvenzjoni.*

*Illi fuq eccezzjoni simili il-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) diga' kellhom l-opportunita' li jippronunzjaw ruhom diversi drabi .*

*Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "LUCIEN STAFRACE NOE. vs. L-AGENT REGISTRATUR TAL-QRATI ET." (9.11.1998) (Kollez. Vol. LXXII , I , p. 127 ) kienet illiberat lill-intimat Registratur tal-Qrati mill-osservanza tal-gudizzju billi ma kienx il-legittimu kontradittur u dana ghaliex fi kliem l-istess Qorti hu ma kienx il-persuna idonea biex joqghod f' gudizzju tali , billi bhala Kap ta' Dipartiment , hu jirraprezenta lill-Gvern fil-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-andament ordinarju tal-amministrazzjoni pubblika inerenti ghal dak id-*

[9] 12 ta' Gunju, 2002 Rikors Nru: 7/02 JGD

*Dipartiment u l-kwistjoni quddiem dik il-Qorti ma kienetx tidhol f'tali xorta ta' mansjonijiet .*

*Umbaghad fil-kawza "CARMELO SIVE CHARLES DELIA ET. vs. REGISTRATUR TAL-QRATI IN RAPPREZENTANZA TAL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI INFERJURI ET." (25.4.1990) (Kollez. Vol. LXXIV , I, p.91) l-istess Qorti Kostituzzjonali li quddiemha gie sollevat ghall-ewwel darba fil-kawza il-punt tal-legittimita' tal-persuna ta' l-intimat , laqghet eccezzjoni simili sollevata mill-intimat Registratur tal-Qrati u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju ghax irriteniet li r-Registratur tal-Qrati m'ghandhux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendeti quddiem il-Qorti .*

*Illi forsi wiehed jista' jargumenta li dawn is-sentenza ma ghadhomx jorbtu minnhabba li ipprecedew l-emendi ghall-artikolu 181 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li , fl-Artikolu gdid 181 B introdottbl-Att XXIV tal-1995 , elenka min ghandu jirraprezenta l-istat fi proceduri fil-Qrati b'mod specifiku .*

*Di fatti bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu gdid 181B , skond is-subinciz (1) ,il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarikat fil-materja in kwistjoni . Pero' fis-subinciz (2) il-ligi tkompli tghid li :-*

*"L-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad- dipartimenti tal-Gvern."*

*Illi fis-sentenza recenti taghha fil-kawza "GEORGE XUEREB VS. REGISTRATUR TAL-QRATI ET"(14.03.2002 ) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) per P.Vella J. irriteniet proprju dwar eccezzjoni simili li giet sollevata mir-Registratur tal-Qrati f'kawza dwar " fair hearing" minhabba dewmien fil-proceduri kagjonati mill-avversarja u minn Imhallef li ghal xi zmien kien qed jippresjedi l-istess proceduri , li :*

*" l-Art. 181B jipprovdi li l-Gvern , igifieri l-istat , ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern u li jkun inkarikat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk is-subinciz (2) tal-istess artiklu jipprovdi ukoll li l-Avukat Generali jirraprezenta l-Gvern f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirraprezenta lill-Gvern in rapprezentanza tal-Istat . Illi huwa ben saput li fid-dritt Kostituzzjonali u konvenzjonali li il-Gudikatura hija indipendenti mill-Ezekuttiv u certament ma tistax titqies bhala Dipartiment tal-Gvern . Fil-kaz prezenti r-rikorrent qed jallega dewmien minnhabba l-operat..... tal-Qorti li ppresjediet il-proceduri u ........ bl-ebda mod mhu qed jattribwixxi l-allegat dewmien ghal xi operat jew agir minn-naha tal-Amministrazzjoni tal-Qorti rapprezentata mir-egistratur*
*tal-Qrati"*

*"....... in vista tal-fatt li r-rikorrent qed jattribwixxi dan id-dewmien ghall-agir ta' xi Imhallef partikolari li ghal xi zmien kien qed jippresjedi dawn il-proceduri , hu evidenti allura , li , f'din il-kwistjoni , ir-Registratur tal-Qrati ma kellu ebda kontroll fuq dawk il-proceduri partikolari u inqas ma kien involut b'xi mod fil-materja, il-mertu tar-rikors promotur . Hu ben risaput li l-Gudikatura hi organu indipendenti mill-Ezekuttiv u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent hu attribwibbli ghall-operat tal-Qorti , allura r-Registratur tal-Qorti , li hu biss inkarikat mill-amministrazzjoni tal-*

*Qrati u MHUX UKOLL MILL-OPERAT TAL - GUDIKANT , MA JISTAX HAWNHEKK IKUN LEGITTIMU KONTRADITTUR." (emfasi ta' din il-Qorti).*

*Kien ghalhekk li dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata mir-Registratur tal-Qrati u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju."*

**Il-Qorti tagħmel tagħha dan it-tagħlim ġurisprudenzjali u fuq skorta ta' l-istess tilqa l-ewwel eċċezzjoni n eżami u tillibera lid-Direttur Generali tal-Qorti , Direttur Qrati Kriminali u Tribunali mill-osservanza tal-ġudizzju**.

Is-seba' eċċezzjoni ta' l-Avukat ta' l-Istat ġia  dak Generali hija fuq in-nuqqas da parti tar-rikorrenti lli jutilizza r-rimedju ordinarju li kienet tagħtih il-liġi ċioe' -;

*"Illi ir-rikorrent lanqas ma uzufruwixxa mir-rimedju li jipprovdi l-artikolu 422(1) tal-Kap 9 li jipprovdi li l-appellant jista b`rikors ippreżentat fi żmien erbat ijiem mill-ġurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa mill-istess appellant quddiem ir-reġistratur li, minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-ġurnata fuq imsemmija, il-qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell u b`hekk l-appell tiegħu jerġa' jitqiegħed fuq il-lista ġaladarba huwa ma ressaqx din it-talba tiegħu fiż-żmien erbat ijiem li jsemmi l-**artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dwar dan l-artikolu l-Qorti Kostituzzjonali ġa kellha l-okkażjoni tippronunzja ruħha li dan mhuwiex leżiv għad-dritt ta' smigħ xieraq kif imħares taħt il-**Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Konvenzjoni Ewropea** (ara **Patrick Mangion vs. Avukat Ġenerali et** tas-27 ta' Jannar 2006 u **Anthony Bezzina vs. Avukat Ġenerali** tal-31 ta' Jannar 2014);"*

In *poche parole* l-avukat ta' l-Istat qiegħed allura jistieden il-Qorti tiddeklina li tezerċita d-diskrezzjoni lilha mogħtija bl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeklina milli tezamina din il-vertenza mressqa mil-lat kostituzzjonali u konvenzjonali.

Saħħah ukoll fuq dan l-argument fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu.

**Il-Qorti pero ma taqbilx ma dan.**

Bla dubbju ta' xejn ir-rikorrrenti kellu l-fakolta' maħsuba ai terminu ta' l-artikolu 422(1) tal-Kap 9 a disposizzjoni tiegħu. Bla dubbju ta' xejn huwa naqqas illi japprofitta ruħhu minn dan.

Pero il-kwistjoni hi li hu jiggustifika dan in-nuqqas fuq nuqqas apposita ta' notifika ta' data ta' smiegħ. Isegwi li ġialadarba hu ma kienx għar-ragunijiet minnu mogħtija konsapevoli ta' tali data, ma seta' qatt jipprevalixxi mill benefiċċju tat-terminu maħsub fl-artikolu indikat, għalkemm kien dejjem debitament assistit minn avukat. Dan *a prexindere* jekk għandux ragun dwar l-ilmenti tiegħu. Mill-punto di vista tar-rikorrenti dawn ir-rimedji ma kienux miftuħa ghalih għaliex it-terminu għalihom skatta kontrih ad insaputa tiegħu, hu jilmenta mhux tant ta' tali disposizzjoni imma ta' l-aveniment innisfu li skatta n-neċċessita' ta' l-istess.

Tfakkar lid-dezezzjoni hija istitut ta' ordni pubbliku u għal kollox fatali jekk it-termini hemm indikati ma jiġux segwiti.

**Il-Qorti tqies li l-Avukat ta' l-istat m'għandux ragun fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni**.

Fil-mertu  r-rikorrenti jilmenta l-ksur fil-konfront tiegħu ta' l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jilmenta li ġialdarba huwa ma kienx ben avzat bid-data tad-differiemt ta' l-Appell tiegħu li mar għas-sentenza, ukoll li hu ma ġiex notifikat b'tali data allura sofra l-ksur ilmentat u spiċċa nkarċerat. Jammetti li hu ma semgħax  id-data mogħtija lilu, jilmenta li ħadd ma tah din id-data sew, inkluz l-avukat tiegħu. Fl-aħħar skopra li l-appell tiegħu kien mar dezzert gimgħat wara li  dana seħħ,  ukoll li sar jaf dan meta kien ċempel lil avukat tiegħu. F'dak iż-żmien kien barra bil-liberta' provisorja.

Ilment ieħor li ressaq ir-rikorrenti, għalkemm b'mod sekondarju,  huwa lil Qorti tal-Magistrati u oltre hekk dik ta' l-Appell għaddiet biex tippronondzja ruħha fil-konfront tiegħhu mingħajr ma ħadet in konsiderazzjoni il-pateġġjament ta' riduzzjoni ta' piena li saret bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni.

Fir-rigward ta' l-aħħar ilment il-Qorti rat sew l-atti ta' l-appell allegati. Milll-iter proċesswali jirrizulta illi quddiem il-Qorti tal-Magistarti għalkemm id-difiza għal diversi drabi vverbalizzat illi kienet qed tagħmel attentati ta' *plea bargaining* ma l-Avukat Generali dan ma tax r-rizultat mixtieq anke għax donnu l-istess difiza kienet baqgħet tistenna mill-istess Avukat Generali risposta għal-pattegjament minnha propost. Wieħed irid ukoll jiftakkar lir-rikorrenti kien irregistra ammissjoni ta' l-akkuzi dedottti fil-konfront tiegħu. Jidher li din l-

istennija tant esasperat lid-difiza li fis-seduta  tas-7 ta' Lulju, 2017[10], l-istess talbet lil Qorti tgħaddi għas-sentenza. Fil-fatt il-Qorti tat is-sentenza fid-differiment li jmiss.

Mill-uniku verbal tal-Qorti ta' l-Appell fejn filfatt ġie tratta l-istess appell, dak datat 7 ta' Diċembru, 2017 jidher li deher Dr Anthony Vella għal Avukat Generali u li ġie trattat l-appell[11]. Minn imkien ma jidher li hemm registrat xi ħjiel ta' pategjament jew ġie presentat  rikors  fir-rigward.

Tibda din il-Qorti biex ġia a priori taqbel ma dak li ssottometta l-Avukat ta' l-Istat illi minn imkien mill-atti allegati ma tirrizulta xi ħjiel ta' prova li kien ġie maqbul bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni xi terminu ta' piena. Kif ingħad l-unika ħjiel ta' dan huwa l-verbali li għamel l-avukat difensur dwar l-attentat ta' ftehim li kien qed jipprova jilħaqq ma l-Avukat Generali.

Fir-referenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Marco Baldacchino , l-Avukat Generali**[12]  din il-Qorti diverament preseduta qalet li-:

*"Is-sistema ta' patteggjamenti tezisti fil-Kodici Kriminali taghna kif ukoll f'gurisdizzjonijiet ohra. L-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 jipprovdi ghal patteggjament quddiem il-Qorti tal-Magistrati:*

*Fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, l-imputat u l-Avukat Generali jistghu jilhqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-kaz li l-imputat jiddikjara ruhu hati, il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hekk provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u l-kwantita' miftiehma bejniethom u li*

[10] Folio 85 ta' l-atti allegati.
[11] Gfolio 134 ibid.
[12] Referenza Nru. 23/2019MCH; 3 TA' Ottubru, 2019.

*dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinsab hati ghar-reat jew ir-reati li jigi akkuzat bihom".*

*L-Artikolu 453A jipprovvdi ghal patteggjament quddiem il-Qorti Kriminali.*

*(1) Qabel ma l-imputat iwiegeb dwar il-kaz b'mod generali kif hemm provdut fl-artikolu 453, l-imputat u l-Avukat Generali jistghu jitolbu lill-qorti, fil-kaz li jkun hemm ammissjoni ta' htija, li tapplika sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hekk provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u l-kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinsab hati ghar-reat jew ir-reati li jigi akkuzat bihom.*

*(2) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-mizura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu (1) ikunu tali li kien ikun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz ghal xi raguni msemmija fl-artikolu 453(2) jew ghal xi raguni ohra li tichad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem car x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, il-qorti ghandha, meta ssir l-ammissjoni ta' htija tal-imputat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qeghda tinghata tkun qeghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.*

*Il-patteggjament jista' jsir bi qbil bejn il-partijiet u biss skond il-formalita ravvizata fil-ligi.*

*Illi l-Qorti ta' Strasbourgu kellha okkazzjoni tiddeciedi dwar in-natura tal-patteggjament f'diversi decizjonijiet taghha. Din il-Qorti qed tislet is-segwenti principji minn dawn is-sentenzi:*

*242. The Court has noted that it can be considered a common feature of European criminal-justice systems for an accused to receive a lesser charge or a reduced sentence in exchange for a guilty or nolo contendere plea in advance of trial, or for providing substantial cooperation with the investigative authority (Natsvlishvili and Togonidze v. Georgia, § 90). There cannot therefore be anything improper in the process of charge or sentence bargaining in itself (ibid.), or in the pressure an individual to accept pre-trial resolution of the case by the fact that he or she would be required to appear in court (Deweer v. Belgium, § 51). For the Court, plea bargaining, apart from offering important benefits of speedy adjudication of criminal cases and alleviating the workload of courts, prosecutors and lawyers, can also, if applied correctly, be a successful tool in combating corruption and organised crime and can contribute to the reduction of the number of sentences imposed and, as a result, the number of prisoners (Natsvlishvili and Togonidze v. Georgia, § 90).*

*243. The Court has also noted that the effect of plea bargaining is that a criminal charge against the accused is determined through an abridged form of judicial examination, which amounts, in substance, to a waiver of a number of procedural rights (Navalnyy and Ofitserov v. Russia, § 100). This cannot be a problem in itself, since neither the letter nor the spirit of Article 6 prevents a person from waiving these safeguards by free will. Thus, by analogy with the principles concerning the validity of waivers, the Court has found that a decision to accept the plea bargain should have been accompanied by the following conditions: (a) the bargain had to be accepted by the applicant in full awareness of the facts of the case and the legal consequences and in a genuinely voluntary manner; and (b) the content of the bargain and the fairness of the manner in which it had been reached between the parties had to be subjected to sufficient judicial review. (Natsvlishvili and Togonidze v. Georgia,*

*§§ 91-92) (Ara Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (criminal limb) Updated on 30 April 2019).*

*Din il-Qorti tqis illi huwa opportun ukoll li jigi citat is-segwenti bran mid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali* **Aimen Said Giali El Baden vs Avukat Generali** *deciz 31/05/2019 fejn saret referenza ghal kaz imsemmi ta'* **Natasvlishvili and Togonidze vs Georgia**, *tad-29 ta' April 2014:*

*The Court thus observes that by striking a bargain with the prosecuting authority over the sentence and pleading no contest as regards the charges, the first applicant waived his right to have the criminal case against him examined on the merits. However, by analogy with the above-mentioned principles concerning the validity of such waivers, the Court considers that the first applicant's decision to accept the plea bargain should have been accompanied by the following conditions: (a) the bargain had to be accepted by the first applicant in full awareness of the facts of the case and the legal consequences and in a genuinely voluntary manner; and (b) the content of the bargain and the fairness of the manner in which it had been reached between the parties had to be subjected to sufficient judicial review."*

***Meta jsir patteggjament huma l-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali li jiddetenninaw il-htija o meno tal-persuna akkuzata u mhux l-Avukat Generali flimkien mal-akkuzat. Il-qrati ta' guridizzjoni kriminali mhumiex obbligati li jaccettaw xi ammissjoni li huma ma jkunux konvinti minnha. Bl-ebda mod ghalhekk ma jfisser li xi ftehim dwar patteggjament jikkostitwixxi xi gudizzju definittiv li jista' jigi impost fuq il-Qorti. Hija biss il-Qorti li trid tara jekk il-patteggjament huwiex wiehed accettabbli ghaliha u li l-ammissjoni tal-akkuzat u l-piena li jkunu waslu ghaliha l-Prosekuzzjoni u d-difiza tkun wahda giusta u li tista' taccetta. (ENFASI TA' DIN IL-QORTI)***

*Il-Qorti hawn tirreferi ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Claudio Porsenna*** *fit-30 ta' Lulju 2015 fejn qamet ukoll din il-kwistjoni. L-istess kwistjoni kienet tqajmet ukoll fil-kaz* ***The Republic of Malta vs Stephen Nana Owusu*** *deciz fit-12 ta' Dicembru 2013 fejn intqal hekk:*

*Appellant says that during plea-bargaining (or, more correctly, sentence bargaining) with the Attorney General's Office, that Office indicated that it was prepared to agree to a punishment of ten years imprisonment. Appellant did not agree because he believed that he should receive a lesser punishment. The fact of the matter is that no agreement was reached and whatever discussions there may have been between appellant and the Attorney General, they have absolutely no bearing on the manner of disposal by the Criminal Court. Indeed, even had an agreement been reached, the Court would not have necessarily been bound by such agreement. Article 453A(2) of the Criminal Code provides that the Court "shall" proceed to pass the sentence indicated to it by the parties "if the court is satisfied that the sanction or measure, or combination of sanctions and measures, requested as provided in subarticle (1) is one which it would have been lawful for it to impose upon conviction for the offence to which the accused has pleaded guilty and does not have cause to order the trial of the cause to be proceeded with for a reason referred to in article 453(2) or for any other reason to reject the request".'*

*(Ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs Joseph Zerafa et****, 5 ta' Dicembru 2015)"*

Din iċ-ċitazzjoni tagħti stampa ċara w inekwivoka ta' dawk li huma l-elementi tal-*plea bargaining* u fuq kollox tikkristalizza mingħajr ebda dubbju li ebda ftehim ma jorbot fil-fatt idejn il-Qorti. Għalhekk l-ilment ta' ksur kostituzzjonali u jew konvenzjonali li jittenta jressaq ir-rikorrent f'dan ir-rigward huwa għal kolloz żbaljat. Fil-fatt għalkemm din ir-referenza ċitata

kienet ippernjata fuq il-fatt li ma kienx hemm *legal certainty* għaliex reati simili mhux dejjem jirċievu pieni identiċi, il-Qorti hemm sabet illi l-pateggjament jekk ma jagħtix ir-rizultat mixtieq ma jilledi ebda ksur taħt l-artikolu 6 kif abbinat ma' l-artikolu 14 tal-konvenzjoni u l-artikolu 39 abbinat ma l-artikolu 45 tal-konvenzjoni.

Stabbilit il-fatt li ebda patteggjament ma ntlaħaq din il-Qorti ma tistax fil-fatt tifhem l-ilment tar-rikorrenti. Anke kieku sar il-pattegjament il-piena kienet tibqa biss u dejjem diskrezzjoni tal-Qorti, aħseb u ara allura meta fil-fatt dan ma okkorriex. L-aspettativa ta' l-imputat għax mhux milħuqa, darba lil Qort tagħti piena fil-parametri tal-liġi, ma ġġib ebda lezjoni kostituzzjonali u jew konvenzjonali. Il-mod ieħor kien iġib fix-xejn l-indipedenza li suppost tikkatterizza l-proċess ġudizzjarju.

Pero l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa fil-fatt dak ta' nuqqas ta' avviz/notifika tad-differiment tad-data ta' l-appell għal għoti tas-senetnza bil-konsegwenza li ħarablu mhux biss tad-data innifisha imma saħansitra iż-żmien perentorju biex kawza deżerta terġa titqiegħed fuq il-lista. Skont ir-rikorrenti dan huwa leżiv ai termini ta' ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ukoll l-artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Din il-Qorti se tgħaddi biex l-ewwel teżamina l-lezjoni maħsuba taħt il-prinċipju ta' smiegħ xieraq għax fil-kaz in eżami l-ksur ta' l-artikolu 5 imsemmi jiddependi fuq jekk il-prinċipji ta' smiegħ xieraq ġewx fil-fatt rispettati. L-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ukoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma ta' l-istess natura u ħsieb, li jipprotegu u jassiguraw proċess ġudizzjarju ġust minn kull aspett tiegħu, għalhekk jassiguraw li kull element ta' smiegħ xieraq hemm sanċit ikun

protett. Fir-rigward tas-similarita' ta' dawn l-artikoli ingħad fis-sentenza **Hani Ahmed Shhawi vs L-Onor. Prim Ministru, L-Onor Ministru tal-Gustizzja u Intern, L-Avukat Generali u l-Kummissarju ghar-Refugjati u s-Segretarju tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati li gew kjamati fir-rikors b'digriet tal-20 ta' Jannar 2006**[13]li-:

*"L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxu s-smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi, u dan kemm fil-kaz ta' reati kriminali jew dwar l-ezistenza jew estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili. L-artikoli 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem huma sostanzjalment identici. Infatti fis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1984 fl-ismijiet* ***E.T. Reverendissimu Monsnjur Arcisqof Giuseppe Mercieca noe et vs Onor. Prim Ministru et****, il-Qorti Kostituzzjonali kienet irrimarkat li certi kliem f'dan l-artikolu kien mehud kelma b'kelma mill-ewwel inciz ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni."*

Dwar l-artikolu 6 naraw;

*"Illi fis-sentenza* ***"Kenneth Brincat vs L-Avukat Generali et"*** *(Rik. Nru : 38/01/RCP) intqal:-*
*'Illi dan l-artikolu jipprovdi ghal dritt generali ta' "smiegh xieraq" u numru ta' drittijiet specifici u jelabora aktar drittijiet fir-rigward ta' dawk li jkunu qed jigu akkuzati b'akkuzi kriminali, fosthom ukoll id-dritt ghal tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.*

*Illi fis-sentenza* ***"Domenico Savio Spiteri vs A.G. et"*** *Rik.Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta' Ottubru 2001) inghad li:-*

[13] Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007 Rikors Numru. 57/2005

*"Fis-sentenza* ***"St.Paul's Court Limited vs LOnor. P.M.et noe"*** *(Rik. Kost. Nru: 552/96VDG) deciza fis-16 ta' Settembru 1998) l-istess Qorti sostniet li:-*
*Kif tajjeb josservaw l-awturi* ***Harris, O'Boyle u Warbrick****:-*
*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6 (1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

*Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza* ***"Kostovski vs The Netherlands"*** *(20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li :-*

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

*Illi minkejja dan xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti a priori u specifikatament stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesgha tant li inghad li:-*

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing*
*has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European*

*Commission, it is not possible to state in the abstract the content of this requirement."* ***("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"*** *(1997)* ***Dr. Roberta Gauci LL.D)".***

*Inoltre' fil-ktieb* ***"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"*** *ta'* **Andrew Grotrian** *jinghad illi:-"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

*Illi ineffetti l-imsemmija awtur jelenka il-principji li jinkorpora fih l-imsemmi* **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** *u dawn jikkonsistu inter alia f':-*
*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed inArticle 6 (1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6 (1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-*

*"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis*

*his opponent." ("Dombo Beheer BV vs The Netherlands", 27 ta' Ottubru 1993)".*[14]

Fil-ktieb ġia msemmi **Harris Boyle and Warbrick**[15] insibu wkoll illi-:

*"**b**. The right to partecipate effectively in the trial.*
*The right to partecipate effectively in the proceedings , which overlap with the right to be present at the hearing*[16] *applies to civil and especially, criminal cases. It means in the first place that the State, acting diligently, must take the necessary steps to inform the accused or the civil parties of the existance of the proceedings.*[17]

Il-Qorti tħoss li marbut sfiq mall-prinċipju ta' *equality of arms* huwa ukoll li l-akkuzat ovvjament ikun pateċipanti fil-proċess ġudizzjarju kriminali kontrih u dana jista biss jiġi assigurat jekk l-istess ikun mogħti l-opportunita' dan permezz ta' notifika, li jipparteċipa b'mod efettiv fil-proċess.

L-istess prinċipji hawn imsammija japplikaw għal dak misjub fl-artikolu 39 ta' l-ewwel skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

S'intendi l-intimati mixlija jistiednu lil din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward ta' dawn l-allegati vjolazzjonijiet.

---

[14] **Alpine Travel Limited vs Helen armla atl-President tal-Qorti Dottor Carmelo Schembri et**. P.A sede Kost. 37/2004/1 4/10/2006
[15] 4th edition **Law of the European Convention on Human Rights** page 414
[16] The right to partecipate concerns more than presence.
[17] **Dilipak and Karakaya vs Turkey** hudoc (2014) para 80 (no serious efforts to find civil defendant's address). **CF Schmidt vs Latvia** hudoc (2017) paras 86-90. See also **Colozza vs Italy**, .....**Gankin vs Russia** hudoc (2016) para 39 (civil case)

Illi l-Qorti tagħmel referenza għal sentenza msemmija mill-Avukat ta' l-Istat fin-nota' ta' sottomissjonijiet tiegħu li trattat il-konstituzzjonalita' ta' l-artikolu 422 tal-Kap 12 ta' interess għalina mil-lat ta' interess li għandu juru l-appellant fil-proċeduri der resto minnu istitwiti, dik fl-ismijiet **Anthony Bezzina v. L-Avukat Generali**[18] fejn intqal-:

***"13.3*** *"44. The rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with, in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy (see Miragall Escolono and* ***Others v. Spain****, nos. 38366/97...). However, those concerned must expect those rules to be applied [see,* ***Nakov v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia*** *no.68286/01, 24 October 2002].* ***It is incumbent on the interested party to display special dilgence in the defence of his interests.3" [see Teuschler v. Germany (dec) no. 47636/99, 4th October 2001, and Sukhorubchenko v. Russia no. 69315/01 paras.41-43, 10 February 2005) [ECHR Muscat v. Malta Appl.24197/20, deciza 17 Lulju 2012].***

***13.4 "59. Bearing in mind that it is incumbent on the interested party to display special diligence in the defence of his interests, and that in the present case the applicant did not follow his case conscientiously or maintain contact with his nominated representatives, the Court concludes that the applicant has at his disposal a potentially effective legal representation which he failed to make use of." [Muscat v. Malta, supra].***

…

[18] Qorti Kostituzjinali 31 ta' Jannar, 2014 Appell Civili Numru. 51/2012/1

***24.** Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li, l-fatt li l-artikolu de quo ma jimponix obbligu li fl-avviz tas-smigh tal-appell ikun hemm miktuba d-drittijiet tieghu naxxenti mill-istess artikolu, ma jrendihx inkompatibbli mad-dritt ta' smigh xieraq tal-appellant, fl-ewwel lok, ghax injorantia legis non excusat, u fit-tieni lok, u b'izjed qawwa, huwa obbligu u fl-interess ta' min jircievi att gudizzjarju li, jekk ma jkunx intiz fil-ligi, jirrikorri ghand avukat sabiex jispjegalu d-drittijiet tieghu u jiggwidah tul il-proceduri. Dan certament mhux prekluz mill-Artikolu 422 [1] li, kif fuq gja` indikat, jaghti opportunita` ohra lill-appellant li, ghalkemm debitament notifikat, ikun naqas li jidher fis-seduta tas-smigh tal-appell tieghu. Jekk l-appellant jorqod fuq id-drittijiet tieghu, u meta jircievi att gudizzjarju jibqa' passiv sforz it-traskuragni jew non kuranza tieghu, allura imputet sibi, u ma jistax jippretendi li, f'dawn ic-cirkostanzi, jirrikorri b'success ghar-rimedju straordinarju, b'tentattiv li jissana l-mankanzi tieghu, meta hu kien gie jaqa' u jqum, bhal fil-kaz prezenti, bir-rizultat li naqas milli juzufruwixxi mir-rimedju ordinarju mahsub fl-artikolu precitat."*

Miżmum dan u ċioe' li l-appellant llum rikorrenti għandu jkollu diligenza versu l-proċeduri minnu istitwiti għal mod kif isegwi l-istess,  l-Qorti se teżamina dana mill-lat ta' dak li rrizultalha mil-atti.

Kif ġia ngħad ir-rikorrenti kien ben notifikat b'appuntament għas-smiegh ta' l-ewwel dehra biex jiġi trattat l-appell minnu intavolat. Tant li hu deher għal-istesss seduta fejn fil-fatt ġie trattat l-appell. Għandu jingħad ukoll illi fil-mori tal-proċeduri ta' l-appell huwa anke ġie mogħti l-liberta' provisorja  fid 9 ta' Ottubru, 2017[19]. Jidher illi huwa fil-fatt iffirma il-garanzija, fuq depositu ta' terż, l-għada 10 ta' Ottubru, 2017.[20]  Illi ovvjament l-ewwel kundizzjoni imposta fuq l-istess rikorrenti fil-kundizzjonijit ta' liberta' provisorja kienet, kif

[19] Digriet a folio 121.
[20] Folio 129.

fil-fatt ta' spiss tkun, li huwa "*jidher għal kull att tal-proċess fid-data, lok u ħin li jkunu lilu ordnati"*[21] mill-Qorti.

Illi l-istess rikorrent jammetti illi huwa għalkemm kien f'Awla waqt l-Appell u x'ħin ġie differit, ma sema' xejn meta kienet se tingħata s-sentenza. Jgħid li qgħad fuq l-avukat tiegħu biex jagħtih id-data. Ukoll li għalkemm darba kien ċempel lil avukat għal dan l-iskop u ma ħax sodisfazzjon, imbagħad rega' ċempillu meta fil-fatt l-appell tiegħu kien ilu li mar dezzert għal madwar tlett gimgħat, ovvjament ad insaputa tiegħu. Huwa ukoll inċisiv il-fatt f'dawn iċ-ċirkostanzi lli l-appell ġie trattat f'Diċembru tas-sena 2017 u li fil-fatt is-sentenza kienet differita għal xhur wara, aktar minn ħames xhur wara. Huwa ċar kristallin illi l-imputat fil-fatt wera nuqqas kbir, anzi disinteress kbir biex jottjeni d-data li kien għalija differit l-appell tiegħu.

Fl-ewwel lok kien jispetta biss lilu li joqgħod attent għad-differiment mogħti fl-Awla. Jekk ma semax dan seta' faċilment isaqsi għax kien preċiżament fl-interess uniku tiegħu li jagħmel dan anke jekk l-avukat tiegħu, dejjem kif qal hu, qallu li kien imbagħad se jagħtih hu stess id-differiment.

Oltre hekk jekk hu emnut li fl-Awla ma sema xejn u li anke meta saqsa lil avuktat dana ma tahx soddisfazzjon, kien jispetta lilu u lilu biss li jassigura li jottjeni d-data meta kellu jerga jidher jekk xejn anke minħabba l-kundizzjonijiet minnu assunti meta ġie mogħti l-liberta provisorja. Jekk ra li l-avukat baqa' ma qdihx, kien jinkombi fuqu li jassigura li jkollu l-informazzjoni idonea. Seta' faċilment ċempel il-Qorti biex jiverifika dan.

Jingħad ukoll illi fil-fatt ir-rikorrenti kellu **aktar minn żmien ampju** biex jikkura l-affari tiegħu, aktar u aktar fix-xenarju li hu kien qiegħed iġwadi l-liberta' provisorja u ma kellu ebda xkiel biex jinforma ruħhu. Minflokk hu ħalla ammont kbir ta' żmien igħaddi u baqa inadempjenti. Tista tgħid li rreaġixxa

---

[21] Ibid.

biss x'ħin spiċċa miġbur. Fil-fatt sa kemm kien għadu barra jgawdi l-liberta' qajla jidher li ta kaz l-obbligi li hu kellu lejn il-Qorti għax ħalla żmien twil igħaddi bejn attentat ta' verifika u oħra. Dan bla ma jittieħed in konsiderazzjoni l-fatt li lanqas indenja jagħti kaz sew x'kien qed jiġri madwaru fl-appell minnu institwit li ċertament kien u kellu jkun ta' interess kardinali għalih.

Punt ieħor li huwa ferm relevanti f'dan ir-rigward illi ħarsa lejn il-fedina penali ta' l-istess rikorrenti, dik aggornata esebita fil-proċess ta' l-appell[22], wieħed jista malajr jinduna illi l-istess rikorrenti ma kienx estraneju għal proċeduri kriminali **saħansitra dawk quddiem il-Qorti ta' l-Appell.**

Il-qorti tħoss li f'dan l-istadju għandha ukoll tagħmel referenza għal varji deċizzjonijiet li ngħataw fir-rigward mill-Qorti għad-dirittijiet tal-Bniedem. Ovvjament dawn id-deċizzjonijiet ma jirriflettux ezatt la l-mertu tar-rikors in eżami u lanqas il-fatti li wasslu għalih. Imma wieħed jista ben japprezza prinċipji relatati ma notifika u avviz ta' smiegħ u termini li fil-prinċipji stabbiliti huma ukoll applikbabli għal kaz in ezami

Fid deċizzjoni fl-ismijiet **Vacher vs France**[23] ġie deċiż illi:-

*"28. The Court emphasises that States must ensure that everyone charged with a criminal offence benefits from safeguards provided by Article 6 para. 3 (art. 6-3). Putting the onus on convicted appellants to find out when an allotted period of time starts to run or expires is not compatible with the "diligence" which the Contracting States must excersie to ensure that the rights guaranteed by Article 6 (art.6) are enjoyed in an effective manner (see Colozza vs Italy judgement of the 12th Febuary 1985, Series A no. 85, p.15 para.28).*

[22] Folio 135 et. seq. appell kriminali.
[23] Application No. 20368/92 : 17/12/1996

...

*30. In conclusion, since there was no fixed date for filing a pleading and the Court of Cassation took less time than usual to hear the appeal, without Mr Vacher being either warned of the fact by the registry or able to foresee it, he was deprived of the possibility of putting his case in the Curt of Cassation in a concrete and effective manner.*

*There has therefore been a violation of Article 6."*

Fil-kaz appena ċitat dak ta' **Colozza vs Italy**[24] ingħad illi:-

*" IN FACT, THE Court is not here concerned with an accused who had been notified in person and who, having thus been made aware of the reasons for the charge, had expressly waived exercise of his right to appear and to defend himself. The Italian authorities, relying on no more than a presumption ....inferred from the status of "latitante" which they attributed to Mr Colozza that there had been such a waiver.*

*In the court's view, this presumption did not provide a sufficient basis.* ***Examination of the facts does not disclose that the applicant had any inkling of the opening of criminal proceddings against him; he was merely deemed to be aware of them by reason of the notifications loged initially in the registry of the investigating judge and subsequently in the registry of the court****. In addition, the attempts made to trace him were inadequate; .....The Court here attaches particular importance to the fact that certain services of the Rome public prosecutor's office and of the Rome police had succeded, in the context of other criminal proceedings in obtaining Mr Colazzo's new address...it thus was possible to locate him..... It is difficult to reconcile the situation found by the Court with the dilegence which the Contracting Staes must excercise in*

[24] Application No. 9024/80 : 12/02/ 1985

*order to ensure that the rights guaranteed by Article 6 are enjoyed in an effective manner...*

...

*33. There was therefore a breach of the requirements of Article 6 par1."*

F'deċizzjoni oħra fl-ismijiet **Abbasov vs Azerbaijan**[25] intqal-:

*"I. ALLEGED VIOLATION OF ARTICLE 6 § 1 OF THE CONVENTION*

*22. The applicant complained under Article 6 § 1 of the Convention that he had not been informed about the hearing of his cassation appeal on 7 December 2004 before the Supreme Court and that, therefore, he could not be present at the hearing. He also complained under Article 6 § 3 (b) and (c) of the Convention that, in such circumstances, he had been unable to organise a proper defence, to defend himself in person or to seek to be represented by a State-appointed lawyer during the hearing.*

*23. The Court reiterates that the guarantees contained in Article 6 § 3 are constituent elements, among others, of the general notion of a fair trial (see Colozza v. Italy, judgment of 12 February 1985, Series A no. 89, p. 14, § 26). In the circumstances of the present case, the Court considers that, while also having regard to those guarantees, it should examine the complaint under Article 6 § 1, which provides as follows:*

*"In the determination of ... any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair ... hearing ... by [a] ... tribunal..."*

.....

[25] Application no. 24271/05; 17 ta' Jannar, 2008.

*2. The Court's assessment*

*28. The Court notes that it was undisputed by the parties that on 7 December 2004 the Supreme Court heard the applicant's cassation appeal in his absence. The parties, however, were in dispute whether the applicant had been duly informed about this hearing in advance.*

*29. Although the Government produced a copy of the summons issued on 15 October 2004, the Court notes that this summons was not post-marked and the Government put forward no other evidence that it had actually been sent to the applicant or otherwise delivered to him. In these circumstances, the Court is not persuaded by the evidence submitted by the Government in support of their contention that the applicant had been duly summoned to the hearing (compare with Metelitsa v. Russia, no. 33132/02, § 33, 22 June 2006).*

*30. The Court reiterates that the concept of a fair trial includes the principle of equality of arms and the fundamental right that criminal proceedings should be adversarial. This means that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence presented by the other party (see Brandstetter v. Austria, judgment of 28 August 1991, Series A no. 211, p. 27, §§ 66-67).*

*31. Moreover, Article 6 of the Convention, taken as a whole, guarantees that a person charged with a criminal offence should, as a general principle, be entitled to be present and participate effectively in the hearing concerning the determination of criminal charges against him. This right is implicit in the very notion of an adversarial procedure and can also be derived from the guarantees contained in sub-paragraphs (c), (d) and (e) of paragraph 3 of Article 6 (see Colozza, cited above, p. 14, § 27, and Stanford v. the United Kingdom,*

*judgment of 23 February 1994, Series A no. 282-A, pp. 10-11, § 26). It is difficult to see in the present case how the applicant could have exercised these rights without having prior notice of the hearing.*

...

*34. It follows that the proceedings before the Supreme Court did not comply with the requirement of fairness. There has accordingly been a violation of Article 6 § 1 of the Convention".*

F'deċizzjoni oħra fl-ismijiet **Hermi vs Italy** [26] intqal-:

***"C. The Court's assessment***

*1. General principles*

***(a) Right to participate in the hearing***

*58. In the interests of a fair and just criminal process it is of capital importance that the accused should appear at his trial (see Lala v. the Netherlands, 22 September 1994, § 33, Series A no. 297-A; Poitrimol v. France, 23 November 1993, § 35, Series A no. 277-A; and De Lorenzo v. Italy (dec.), no. 69264/01, 12 February 2004), and the duty to guarantee the right of a criminal defendant to be present in the courtroom – either during the original proceedings or in a retrial – ranks as one of the essential requirements of Article 6 (see Stoichkov v. Bulgaria, no. 9808/02, § 56, 24 March 2005).*

*59. Although this is not expressly mentioned in paragraph 1 of Article 6, the object and purpose of the Article taken as a whole show that a person "charged with a criminal offence" is entitled to take part in the hearing. Moreover, sub-*

[26] GC Application 18114/02; 18/10/2006

*paragraphs (c), (d) and (e) of paragraph 3 guarantee to "everyone charged with a criminal offence" the right "to defend himself in person", "to examine or have examined witnesses" and "to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court", and it is difficult to see how he could exercise these rights without being present (see Colozza v. Italy, 12 February 1985, § 27, Series A no. 89, and Sejdovic, cited above, § 81).*

*63. Moreover, a detained appellant in the nature of things lacks the ability that an appellant at liberty or a civil party in criminal proceedings has to attend an appeal hearing. Special technical arrangements, including security measures, have to be made if such an appellant is to be brought before an appeal court (see Kamasinski, cited above, § 107)".*

Saħansitra il-Qorti ddikjarat illi *"83. That does not nevessarily imply, however, that the presence of the applicant at the appeal hearing is required by article 6.1 of the Convention, as the rquirements of that provision are autonomous in relation to those of national legislation".* Il-Qorti hawn kienet qegħda titkellem fuq notifika u attendenza ta' appell u smigħ ta' l-istess fi proċeduri sommarji ta' persuna li tkun taħt arrest preventiv.

F'deċizzjoni oħra fl-ismijiet **Ziliberberg vs Moldova** ngħad illi-:

***"B. Compliance with Article 6 § 1***

*37. The applicant complained that he was not properly summonsed for the hearing of his appeal on 4 May 2000 before the Chişinău Regional Court and that he could not therefore be present. Referring to the postmarks on the envelope (see paragraphs 16-17 above), he argued that the summons was sent on 3 May 2000 and reached him after the hearing that took place on 4 May 2000 at 10 a.m.*

*38. The Government did not agree with the applicant. According to them, the summons was sent on 2 May 2000 and should have reached the applicant on 3 May 2000. In this respect the Government sent the Court a copy of the correspondence register (a handwritten notebook) of the Chişinău Regional Court, according to which the summons was sent to the applicant on 2 May 2000. As to the postmarks on the envelope, the Government considered them to be illegible.*

*39. The Court notes that on 4 May 2000 at 10 a.m. the Regional Court heard the applicant's appeal in his absence (see paragraph 14 above). It finds that the postmark on the envelope, applied by the outgoing post office (namely, by the first post office through which the letter was routed) clearly indicates the date of 3 May 2000. It is only the postmark applied by the incoming post office that is not entirely legible. Consequently, the summons was sent by the Regional Court only one day before the hearing and the Court concludes that the applicant did not therefore have any prior notice of the hearing.*

*40. Article 6 of the Convention, read as a whole, guarantees the right of an accused to participate effectively in his criminal trial. This includes, inter alia, a right not only to be present, but also to hear and follow the proceedings. (see, for example, Stanford v. the United Kingdom, judgment of 23 February 1994, Series A no. 282-A, § 26; Barberà, Messegué and Jabardo v. Spain judgment of*

*6 December 1988, Series A no. 146, § 78). This right is implicit in the very notion of an adversarial procedure and can also be derived from the guarantees contained in sub-paragraphs (c), (d) and (e) of paragraph 3 of Article 6 – "to defend himself in person", "to examine or have examined witnesses", and "to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court" (see, Colozza v. Italy judgment of 12 February 1985, Series A no. 89, § 27). It is difficult to see in the present case how the applicant could have exercised these rights without being present.*

*41. The Court further notes that in Kremzow v. Austria (judgment of 21 September 1993, Series A no. 268-B) and in Kamasinski v. Austria (judgment of 19 December 1989, Series A no. 168), it set out the principle according to which the presence in person of the accused at a hearing of an appeal where only points of law were considered was not crucial. The Court considers that the present case is distinguishable from those cases. In Kremzow and Kamasinski, the accused persons were represented by lawyers and in principle each had the possibility to organise his defence. In the present case, more fundamentally, the applicant was simply unable to do this because he had no prior notice of the hearing.*

*42. In conclusion the applicant did not have a fair trial in accordance with Article 6 §1 of the Convention."*

Magħmula dawn l-osservazjonijiet, u jerġa jingħad illi dawn id-deċizzjonijiet jservu biss biex jitfgħu dawl fuq principji relattati mall-kwistjoni odjerna għax ċertament mhux ta' mertu identiku għal kaz in eżami, tibda l-Qorti biex tagħmilha ċara lli fl-ewwel lok ma hi b'ebda mod titfa xi ħtija fuq l-avukat difensur li kien jippatroċinja lir-rikorrenti fiż-żmien ta' l-appell dan nonostante għal dak li jixhed l-istess rikorrenti li donnu l-istess avukat assuma xi dover li

jinformah direttament hu bid-data tad-differiment ta' l-Appell. Din il-Qorti terga ssostni lli jinkombi fuq l-appellant illi juru l-interess lejn proċeduri ta' interess għalih, terga minnu istitwiti. Kien jinkombi fuqu li jezerċita' dik id-diligenza ta' *bonus paterfamilias* fil-konfront ta' dak li hu affarih. **Hija l-fehma soda tal-Qorti li fil-fatt r-rikorrenti naqqas għal kollox f'dan**. Fil-fatt ir-rikorrenti fit-tgawdija tal-liberta' provisorja u mehdi b'hekk, ma tantx wera interess biex fil-fatt ikun jaf meta kienet se tingħata s-sentenza fil-konfront tiegħu tant li ħalla xhur biex rega vverifika ma l-avukat d-data mistennija. In linea ma dak suċitat[27] ma kien hemm ebda problema għad dehra tiegħu darba li hu kien għadu taħt arrest preventiv, il-presenza tiegħu għal proċeduri kienet assigurata mid-debita awtoritajiet, in-nuqqas ġie biss meta Micheal Portelli **kellu jieħu ħhsieb hu** l-affari tiegħu. Dan aktar tenut kont tal-fatt li l-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kienet tagħtu piena karċerarja effettiva. Oltre hekk ukoll in linea ma dak li ntqal mill-Qorti Ewropeja li *"The Contracting State enjoy a wide discretion as regards the choice of the means calculated to ensure that their legal systems are in compliance with the requirements of Article 6 para.1 in this field."*[28] ċioe' li l-mod kif l-Istati membri jirregolaw l-andament tal-proċeduri kriminali (ukoll dawk ċivili), basta tali proċeduri jkunu tali li jassiguraw smiegħ xieraq kif mifhum mill-konvenzjoni u interpretat u żvillupat mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, dan għandu ikun dejjem ta' dominju nazzjonali. Għalhekk huwa żbaljat l-abbli avukat difensur meta jattaka in-notifika tad-differiment fil-Qorti ta' l-Appell li ssir *viva voce seduta stante*. Qari ta' l-artikolu appositu fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 421 huwa ċar fir-rigward. Kardinali hu li l-appelant ikun notifikat bl-avviż tas-smiegħ ta' l-appell kif fil-fatt ġara fil-kaz odjern. Spetta lilu li jseġwi dak li jkun qed jiġri fil-proċeduri.

---

[27] **Hermi vs Italy**.

[28] Ibid.

Għalhekk, u dan in linea ma dak li qalet il-Qorti Ewropeja imsemmija, huwa meqjus lir-rikorrenti jista' biss jikolpixxi lilu nnifsu, *sibi imputet*, għal dak li okkorra u l-implikazzjonijiet li ġew bħala risultat ta' l-inertia tiegħu.

**Konsegwentement tqies lit-talbiet tiegħu sa fejn jirrigwardaw l-artikoli 6 Konvenzjoni Ewropeja, 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta għandhom jiġu miċħuda**.

Ir-rikorrenti jressaq ukoll il-lanjanza tiegħu ai terminu ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja, li jitratta d-dritt tal-liberta' u sigurta' ta' persuna. Għalkemm fil-verita' ma tantx saħħaq fuqha fit-trattazzjoni tal-kawza.

Naraw illi fin-notamenti ppubblikati appositament mill-Kunsill Ewropew **Guide on Article 5 of the European Convention on Human Rights: Right to liberty and security**[29] illi :-

*"A. Deprivation of liberty*

*1. In proclaiming the "right to liberty", Article 5 contemplates the physical liberty of the person; its aim is to ensure that no one should be deprived of that liberty in an arbitrary fashion. It is not concerned with mere restrictions on liberty of movement, which are governed by Article 2 of Protocol No. 4 (De Tommaso v. Italy [GC], § 80; Creangă v. Romania [GC], § 92; Engel and Others v. the Netherlands, § 58).*

...

[29] Updated on 31 December, 2019

***II. Lawfulness of the detention under Article 5 § 1***

***A. Purpose of Article 5***

*23. The key purpose of Article 5 is to prevent arbitrary or unjustified deprivations of liberty (S., V. and A. v. Denmark [GC], § 73; McKay v. theUnited Kingdom [GC], § 30). The right to liberty and security is of the highest importance in a "democratic society" within the meaning of the Convention (Medvedyev and Others v. France [GC], § 76; Ladent v. Poland, § 45, 18 March 2008)."*

Il-Qorti ġia kkonkludiet illi ma nstabet ebda leżjoni ai terminu ta' l-artikolu l-artikoli 6 Konvenzjoni Ewropeja, 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement ġialadraba id-detenzjoni tar-rikorrenti hija konsegwenza ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ikkonfermata ġialdarba li l-appell fir-rigward mar deżert, bil-konsegwenza li tali sentenza ġiet reża waħda finali u definittiva, xejn mid-dittenzjoni ta' Micheal Portelli ma hu arbitrarju jew illegali bil-konsegwenza li anke din l-allegata leżjoni ma ssib ebda fundament ġuridiku sostenibbli.

**Konsegwentement il-Qorti qegħda taqta u tideċidi billi**

**Tilqa l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tad-Direttur Generali tal-Qorti Direttur Qrati Kriminali u Tribunali u tillibera lil istess mill-osservanza ta' dan il-ġudizzju;**

**Tiċħad is-seba' eċċezzjoni ta' l-Avukat ta' l-Istat, ġia l-Avukat Generali;**

**Tiċħad it-talbiet kollha mressqa mir-rikorrenti u konsegwentement tilqa il-kumplament ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa fir-rigward.**

**Bl-ispejjez kollha a karigu tar-rikorrenti għajr għas-seba' eċċezzjoni ta' l-Avukat ta' l-Istat (ġia l-Avukat Generali) li għandha tibqa a karigu tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**